# TGĦALLEM IL-BIBBJA MQADDSA LI PERSUNA HIJA SALVA *"BIL-FIDI BISS"*?

Xi denominazzjonijiet jistqarru li persuna ssalva "*bil-fidi biss*". Isma' x'għandha xi tgħid waħda minn dawn id-denominazzjonijiet dwar dan:

"Il-bniedem isalva bil-grazzja b'xejn t'Alla, **permezz tal-fidi biss**, mhux mill-opri jew il-merti tiegħu (enfasi tiegħi. *Knisja Evangelika Trinità*, taħt it-titlu "*X'nemmnu*").

Dan hu għalkollox mhux Skritturali!

> Fil-qasam tal-fidi u qima, dak li Alla ma kkmandax mhuwiex awtorizzat, u dak li Alla ma awtorizzax huwa illeċitu.
>
> Dak mela li jibdel xi parti ta' din is-sistema rappreżentattiva, ***li jħalli barra jew iżid xi ħaġa***, jassumi prerogattiva li hija ta' Alla waħdu, u jkun ċertament ħati ta' offiża kbira ħafna kontra l-għerf, ġustizzja, u ħaqq tal-Ħallieq tiegħu. Dan jidher li kien id-dnub ta' Nadab u Abihu, u dan mill-ewwel juri r-raġuni għaliex huma kienu kkastigati daqshekk aħrax. (Numri 3:4.)
>
> Meta Alla jiddefinixxi r-rieda Tiegħu, jispeċifika kif att għandu jkun imwettaq, dan jinkludi kemm ir-rieda Tiegħu u jeskludi dak li mhuwiex ir-rieda tiegħu. Meta awtorità speċifika hi mogħtija, l-alternattivi l-oħra kollha huma eliminati.
>
> Hemm dispożizzjoni fuq il-parti ta' xi wħud, meta huma jisimgħu dottrina li tkun f'konflitt mal-pożizzjoni li huma jkunu aċċettaw, li jirriġettawha mingħajr ma jagħtuha attenzjoni speċjali. Oħrajn, jippruvaw jikkonfutaw dak kollu li huma jismgħu li hu kuntrarju għall-pożizzjoni tagħhom, mingħajr ma jħallu l-mistoqsija li tqum fl-imħuħ tagħhom, li huwa possibbli għalihom li jkunu żbaljati fil-veduti tagħhom. Xi wħud, meta huma ma jkunux jistgħu li juru li żball kien magħmul fi tnaqqis minn ċerti passaġġi ta' l-Iskrittura, u f'dan il-mod ikun muri li l-pożizzjoni tagħhom hija żbaljata, jagħmlu sforz biex juru li din qiegħda f'konflitt ma' xi passaġġi oħra ta' l-Iskrittura. Wieħed għandu jiftakar li pożizzjoni li tikkontradixxi t-tagħlim tal-Bibbja ma tistax tkun tassew. Mhux ftit, meta huma jsibu li huma ma jistgħux jieqfu għall-argument, u lid-dottrina tagħhom hija barra mill-armonija miegħu, jippruvaw jiddiskreditawha billi jġibu oġġezzjonijiet u jissuġġettawha għar-ridikulaġni—ridikulaġni hija arma ħarxa.

Il-Bibbja Mqaddsa, li hija l-Kelma ispirata ta' Alla (2 Timtoju 3:16-17), fiha ħafna twissijiet ċari dwar min jipprova jżid jew inaqqas xi ħaġa minnha. Isma x'għandha xi tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan:

> "***La żżidu xejn*** *ma' dak li qiegħed nikkmandakom, u* ***la tnaqqsu xejn minnu****, biex tħarsu l-kmandamenti tal-Mulej, Alla tagħkom, li jien sa nagħtikom*" (Dewteronomju 4:2).

> "*Kulma nikkmandakom, qisu li tagħmluh:* ***la żżid xejn miegħu****, u lanqas* ***tnaqqaslu***" (Dewteronomju 12:32).

> "*Nistagħġeb kif hekk malajr tbegħidtu minn dak li sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu* ***għall-evanġelju ieħor****: Mhux għax hemm ieħor; imma hemm xi wħud li qegħdin iħabbtukom, u jridu jaqilbu l-evanġelju ta' Kristu. Iżda kemm jekk aħna, jew anġlu mis-sema, ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li xandarnielkom aħna, ħa jkun misħut. Bħal ma għidna qabel, hekk narġa' ntenni issa: Jekk xi bniedem ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li ħadtu, ħa jkun misħut*" (Galatin 1:6-9).

> "*Ħuti, nitkellem bħala bniedem: Għalkemm testment ikun ta' bniedem, ħadd ma jista'* ***jħassru, jew iżid miegħu****, jekk ikun ikkonfermat*" (Galatin 3:15).

> "*Għax jien nixhed lil kull bniedem li jisma' l-kliem tal-profezija ta' dal-ktieb: Jekk xi ħadd* ***iżid ma'*** *dawn il-ħwejjeġ, iżidlu Alla l-kastigi li huma miktubin f'dal-ktieb: U jekk xi ħadd* ***ineħħi*** *mill-kliem tal-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu sehmu mill-ktieb tal-ħajja, u mill-belt il-qaddisa, u mill-ħwejjeġ li huma miktubin f'dal-ktieb*" (Rivelazzjoni 22: 18-19. Enfasi dejjem tiegħi).

Minn dan kollu li qrajna sa hawn, kemm kwotazzjonijiet u kemm Skritturi, wieħed jista' jara ċar kemm huwa ta' rovina eterna li xi ħadd jipprova **jżid** xi ħaġa mal-Kelma ta' Alla jew **inaqqas** xi kliem mill-Kelma ta' Alla!

Huwa veru li aħna salvi "*bil-fidi biss*"? **LE**! Tinsab il-frażi "*bil-fidi biss*" fil-Bibbja? **IVA**! Darba biss. Isma' x'tgħid il-Bibbja Mqaddsa dwar dan u ara kemm hu differenti minn dak li jgħidu l-bnedmin:

> "*Taraw mela kif bl-opri isir ġust il-bniedem, u mhux* ***bil-fidi biss***" (Ġakbu 2:24; enfasi tiegħi)

Tajjeb li inti taqra Ġakbu 2:14-26. Imkien fil-Bibbja kollha ma ssib il-frażi "*bil-fidi biss*" użata fis-sens li hija wżata mill-Insara tal-Knisja

Evanġelika Trinità" u oħrajn li jgħallmu bħalhom, IMKIEN! L-uniku vers li dik il-frażi hija wżata huwa biex juri l-kontra ta' dak li qiegħed jiġi mgħallem b'mod żbaljat. "*Taraw mela kif bl-opri isir ġust il-bniedem, u mhux* ***bil-fidi biss***" (Ġakbu 2:24). Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li l-bniedem ma jistax "isir ġust" *bil-fidi biss*. Temmnu dan int? Hekk tgħid il-Kelma ta' Alla! Dan huwa **l-uniku** vers jew passaġġ li jsemmi "*fidi biss*," u dan jgħid li aħna m'aħniex iġġustifikati biha! Imma l-Insara evanġeliċi jgħidu li ġustifikazzjoni bil-fidi biss hija dottrina tajba, u ta' faraġ; Imma l-Ispirtu s-Santu jgħid bl-aktar mod ċar fil-Kelma Tiegħu li aħna **m'aħniex** iġġustifikati bil-*fidi biss*! (Tajjeb taqra hawn Atti 5:29.)

Imma aħna nisimgħu li dawn in-nies ma kinux salvi għaliex huma kellhom **ix-xorta ta' fidi ħażina**: Huma għandhom konvinzjoni ntellettwali, imma huma ma jafdawx f'Ġesù biex isalvahom. Imma b'dan jiena nara li qiegħed isir progress! Aħna issa naqblu li l-fidi hija essenzjali għas-salvazzjoni, imma **hemm kwalitajiet differenti ta' fidi!** Il-fidi hija neċessarja, imma hemm kwalitajiet ta' fidi li ma jsalvawx, ukoll meta nies jemmnu f'Alla u f'Ġesù.

Il-kustjoni mela hija: **Xi kwalità ta' fidi ssalva, u x'tinkludi dik il-fidi li ssalva?** Tinkludi din indiema, stqarrija, ubbidjenza għall-kmandi Divini, u saħansitra l-magħmudija?

Jekk aħna salvi "*bil-fidi biss*" allura jfisser dan li ma hemm xejn aktar li l-bniedem isalva bih skond il-Kelma ta' Alla jekk huwa salv "*bil-fidi biss*"? Isma' għal darb'oħra x'għandha xi tgħid il-Kelma ta' Alla. Forsi se tkun xi ftit sorpriż:

> "*Għax* ***bit-tama aħna salvati…***" (Rumani 8:24; enfasi tiegħi).

Mela mhux "*bil-fidi biss*"? Bit-tama wkoll! Dan il-Bibbja qed tgħidu u mhux jien! Issa immaġina int li jiġi xi mexxej reliġjuż ieħor minn xi denominazzjoni oħra, u jibda jgħallem li aħna salvi "*bit-tama biss*" għax il-Bibbja hekk tgħid. Dawk li jgħallmu li persuna ssalva "bil-fidi biss" x'se jgħidulhom lis-segwaċi tagħhom? Li hu żbaljat? M'għandux dritt li jgħallem hekk? Fuq kollox dak li hu qiegħed igħid jista' jkun ikkowtat direttament mill-Bibbja! Imma li persuna hija salva "bil-fidi **biss**" ma jistax ikun ikkwotat direttament mill-Bibbja! Imma li aħna "salvati bit-tama" jinsab fil-Bibbja, mhux hekk? Imma aħna salvi bit-tama **biss**? Dwar dan naraw aktar 'il quddiem.

Il-fidi hija "ċ-ċavetta" għas-salvazzjoni—din tagħtina s-setgħa biex insiru wlied Alla (Ġwanni 1:12). Imma aħna m'aħniex awtomatikament u mmedjatament ulied Alla sempliċiment għaliex aħna għandna ċ-ċavetta jew is-setgħa biex insiru wlied Alla. Aħna għandna nikkunsidraw il-ħtiġijiet **kollha** li l-kelma t'Alla tgħallem. Jekk aħna nsegwu parti waħda minn

sett ta' struzzjonijiet, aħna ma niksbux ir-riżultat mixtieq. Suppost, bħala eżempju, manwal tas-sewqan igħid, "Biex issuq karozza, int għandek ikol-lok iċ-ċavetta." Jekk aħna jkollna ċavetta, imma ninjoraw il-kumplament ta' l-istruzzjonijiet l-oħra, sejrin aħna awtomatikament insuqu l-karozza? Le. Hekk ukoll "fidi biss" ma ssalvax!

Imma ħalli issa naraw dwar kemm il-bniedem jieħu l-awtorità f'idejh meta dik l-awtorità hija tal-Mulej biss.

Waqt li jiena kont qiegħed infittex dwar dak it-tagħlim diżastruż li persuna ssalva "*bil-fidi biss*" jiena sibt kliem li kexkixni. Kif qrajt dak il-kliem ftakart f'dak li l-Mulej tagħna Sidna Ġesù Kristu qal:

> "**…l-awtorità kollha hija mogħtija lili fis-sema u fl-art**" (Mattew 28:18; enfasi tiegħi).

Jiena staqsejt lili nnifsi: Kif, bniedem, li jistqarr li hu reliġjuż u Kristjan qatt jista' jkollu l-kuraġġ li jbabas il-kliem tal-Mulej tagħna billi jnaqqas-lu minnu ħalli jwassal it-tagħlim żbaljat tiegħu! Kif dawk in-nies, meta jafu xi twissijiet orribbli hemm fuq ras dak li jipprova jżid mal-Kelma ta' Alla jew inaqqas xi kliem minnha jaslu biex jagħmlu dak li huma għam-lu, naqqsu mill-kliem tal-Mulej billi jikkwotaw parti minn vers ħalli jagħmluh jaqbel mat-tagħlim falz tagħhom. Dan jiena qiegħed ngħidu bi kliem dirett u ċar, u bl-imħabba sinċiera ħalli forsi dik il-persuna jew dawk il-persuni li waslu biex għamlu dan jindunaw bl-iżball kbir tagħ-hom u ma jkomplux igħallmu dak it-tagħlim diżastruż li qegħdin igħall-mu. Jiena ċert u naf minn fejn hu l-oriġini ta' dak it-tagħlim ta' salvazz-joni *bil-fidi biss* kif sejjer nuri aktar 'il quddiem, imma forsi dawk l-għalliema dan ma jafuhx u nqabdu fih huma wkoll u issa huma wkoll qegħdin igħallmuh lil nies oħra. Imma ma ninsewx il-kliem tal-Mulej tagħna:

> "*Ħalluhom; huma mexxejja għomja tal-għomja. U jekk agħma jmexxi agħma, it-tnejn jaqgħu fil-ħofra*" (Mattew 15:14)

Jekk "l-awtorità kollha hija ta' Kristu kemm fis-sema u kemm **fuq l-art**" allura ħadd m'għandu l-jedd li jnaqqas mill-Kelma Tiegħu jew iżid mal-Kelma Tiegħu. Jekk xi ħadd jagħmel dan, allura dak ikun qiegħed ipoġġi lilu nnifsu 'l fuq mill-awtorità ta' Kristu!

Issa ħalli jiena nikkwota l-kliem *eżatt* li dwaru jiena qiegħed nirreferi ħalli ma jkunx hemm xi ħadd li jgħid li jiena ħallejt barra xi kliem. Dan wieħed jista' jsibu fil-website http://www.tecmalta.org/fzd05.htm taħt it-titlu ta' "**Dawk li taħfrulhom dnubiethom**." Il-kbira hija li dak li nkiteb huwa kritika għal reliġjon oħra!! Imma ħalli nikkwota l-paragrafu kollu:

**"Dawk li taħfrulhom dnubiethom.**

Kif jista' midneb jikseb il-maħfa t'Alla? Fil-pjan etern tiegħu Alla ried iwassal il-proklama tal-maħfra lill-ġnus kollha. Kien Ħadd il-Għid; il-Mulej Ġesù deher lid-dixxipli miġmugħin flimkien u qalilhom:

> "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalihom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġwanni 20:21-23).

X'kienet il-missjoni fdata mill-Mulej lid-dixxipli tiegħu? Skond il-knisja Kattolika, b'dan il-kliem Kristu waqqaf is-sagrament tal-qrar, u ta setgħa ġudizzjarja lis-saċerdoti biex jaħfru d-dnubiet. L-Insara evanġeliċi jifhmu dan il-kliem mod ieħor. Kristu kien mibgħut minn Alla biex, fost ħwejjeġ oħra, ixandar l-aħbar it-tajba. Qabel tela' s-sema ħalla f'idejn id-dixxipli tiegħu (l-appostli u l-aħwa l-oħra kollha) il-missjoni li jxandru l-evanġelju. Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux."

L-ewwel ħaġa li wieħed għandu jinnota hawn hija li l-kittieb evanġeliku qiegħed jipprova juri dak li huwa *skond* il-Knisja Kattolika u dak li huwa *skond* dak li *jifhmu* l-Insara evanġeliċi! Imma aħna rridu nafu dak li *tassew tgħid il-Kelma ta' Alla* u ta' ħadd aktar! Ukoll ftit l-isfel hemm ikkwotat Luqa 24:46, 47 fejn huwa kkwotat ħażin. Il-kowtazzjoni hija hekk: "*...tixxandar f'ismu ndiema* ***u*** *maħfra tad-dnubiet* għall-ġnus kollha." (enfasi tiegħi.) Dan il-vers għandu jinqara hekk: "*...tixxandar f'ismu ndiema* ***għall****-maħfra tad-dnubiet* għall-ġnus kollha." (enfasi tiegħi.) Le, mhux "*indiema* ***U*** *maħfra tad-dnubiet*" imma "*ndiema* ***GĦALL****-maħfra tad-dnubiet.*" Jekk dan sarx bi skop jew le ma nistax ngħid. Li nista' ngħid fiż-żgur huwa li l-Insara evanġeliċi jgħallmu b'mod żbaljat għal-kollox, li l-magħmudija mhix **għall**-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38) imma għaliex wieħed ikun *diġa' kiseb* il-maħfra tad-dnubiet. Imma jekk Atti 2:38 ifisser hekk allura Luqa 24:47 ifisser hekk ukoll, jiġifieri, li aħna għandna nindmu għaliex *diġa' ksibna l-maħfra tad-dnubiet*! X'assurdità hija din! Qiegħed tara li meta xi ħadd jipprova jbabas mal-Kelma t'Alla kif jgħamel il-Kelma t'Alla li tkun tidher qisha qed tikkontradixxi lilha nfisha! Qiegħed tara kemm wieħed għandu jkun attent meta jaqra xi kwotazzjonijiet mill-Bibbja li jkunu kkwotati minn xi reliġjużi li jgħallmu tagħlim mhux skritturali? Qiegħed tara wkoll għalfejn il-ħafna twissijiet fil-Bibbja dwar il-profeti u l-għalliema foloz!

Ara issa eżempju ieħor ċar, fejn kien hemm suppost kwotazzjoni mill-Kelma ta' Alla kif il-kliem ta' Kristu ġie mnaqqas u mbabas u b'hekk

kien mibdul għalkollox is-sens jew il-messaġġ kollu tal-Mulej biex iwasslu t-tagħlim żbaljat tagħhom!

Intqal li "Qabel tela' s-sema ħalla f'idejn id-dixxipli tiegħu (l-appostli u l-aħwa l-oħra kollha) il-missjoni li jxandru l-evanġelju." Biex tkun taf eżatt x'qal il-Mulej qabel ma tela' s-sema aqra Mark 16:15-20. Imma ħalli naraw kif dan il-kliem ta' Kristu kien ikkwotat b'mod mill-aktar ħażin ħalli jitwassal it-tagħlim falz ta' dawk li jgħallmu li persuna ssalva "bil-fidi biss." Intqal: "*Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux.*" Mela, "**skond il-fehma** ta' l-Insara evanġeliċi" Kristu hekk ordna lil l-appostli u l-aħwa l-oħra koll-ha biex jippridkaw, jiġifieri, "*Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux.*" Aħna ma jinteres-sana xejn *mill-fehma* tal-bnedmin imma minn dak li tgħid il-Kelma ta' Alla! Jiena ngħid lil min kiteb dak il-kliem, "ikollox ftit rispett lejn il-Kelma ta' Alla u lejn il-qarrejja tiegħek u tipprovax tinganahom."

Imma huwa dan il-kliem, ikkwotat mill-Insara evanġeliċi li Kristu qal lil l-appostli u l-aħwa l-oħra kollha biex jippridkaw? It-tweġiba hija **LE, MHUWIEX**! Aqbad l-Bibbja tiegħek f'idejk aqra int stess dak li qal il-Mulej f'Mark 16:15-16, il-versi li huma kkwotati ħażin bl-intenzjoni biex jitwassal it-tagħlim falz tagħhom. Dawn il-versi jgħidu:

> "*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil kull maħluq.* ***Min jemmen <u>u jitgħammed</u>, isalva;*** *iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

Issa qabbel il-kliem ta' Kristu mal-kliem ta' l-Insara evanġeliċi. Skond l-Insara evanġeliċi "Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux." Imma skond Kristu: "***Min jemmen <u>u jitgħammed</u>, isalva;*** *iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*" Min tahom id-dritt li jnaqqsu mill-kliem ta' Kristu il-kliem "**U JITGĦ-AMMED**"? Tajjeb hawn li jaqraw mill-ġdid il-kwotazzjonijiet ikkwotati fil-bidu ta' dan l-istudju. Qiegħed tara fejn jasal il-bniedem biex iwassal it-tagħlim falz tiegħu? Huwa saħansitra lest li jnaqqas mill-kliem tal-Mulej biex jagħmel dan. Imma l-Ispirtu s-Santu jwissina billi jgħidilna:

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

Temmen int li "***Min jemmen <u>u jitgħammed</u>, isalva;*** *iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*" Jekk temmen hekk tkun qiegħed temmen lill-Mulej Ġesù Kristu għaliex dak huwa l-kliem preċiż Tiegħu! Jew temmen int li "*Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux*" u ma hemmx għalfejn li wieħed jitgħammed biex

isalva *ukoll għalkemm il-magħmudija ordnaha l-Mulej*? Jekk temmen hekk int tkun qiegħed temmen *skond il-fehma* ta' l-Insara evanġeliċi u mhux lill-Mulej Ġesù Kristu! Il-Mulej jgħid:

> "*...Hu miktub: Il-bniedem ma jgħix biss bil-ħobż,* ***iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla***" (Mattew 3:4)

Il-kliem "**u jitgħammed**" li kien imnaqqas mill-fomm ta' min ħareġ? Tajjeb hawn li tisma' x'qal il-Mulej:

> "*...La ġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek*" (Mattew 4:7).

Ġesù ordna lil l-appostli u l-aħwa l-oħra kollha biex jippridkaw "**kulma ordnajtilkom**" (Mattew 28:20) u mhux nofs li ordnajtilkom jew għażlu intom dak li jkun jaqbel mat-tagħlim tagħkom minn dak li ordnajtilkom, imma "**KULMA ORDNAJTILKOM**" u l-kliem "**u jitgħammed**" huwa parti minn dak li Ġesù ordna! Tajjeb hawn li terġa' taqra Atti 5:29!

Mela dak li l-Insara evanġeliċi qegħdin jippruvaw juruh bħala tagħlim żbaljat tal-Knisja Kattolika, sfortunatament huma nfushom qegħdin fl-istess żball ukoll, biex ma ngħidx aktar, għaliex il-Kattoliċi jagħtu interpretazzjoni żbaljata dwar il-magħmudija imma ma naqqsu xejn minn dak il-vers!

Imma ħalli aħna nħallu l-Kelma ta' Alla nfisha tispjegalna dwar dak li qal il-Mulej u naraw **l-erba' Vangeli** x'għandhom xi jgħidu dwar il-kliem li Sidna Ġesù Kristu qal lil l-appostli u l-aħwa l-oħra kollha biex jippridkaw u mhux inqarrqu bil-qarrejja tagħna billi nnaqqsu mill-kliem tal-Mulej ħalli b'hekk inwasslu t-tagħlim falz tagħna!

## L-ERBA' VANĠELI
## IL-KUMMISSJONI L-KBIRA, IS-SALVAZZJONI U L-MAĦFRA TAD-DNUBIET

Biex wieħed jifhem sewwa x'ordna Ġesù lil l-appostli Tiegħu biex jippriedkaw dwar x'għandu wieħed jagħmel biex isalva, dan għandu jaqra *l-erba'* Vanġeli, jiġifieri, dak li jintqal f'Mattew 28:16-20, f'Mark 16:14-18, f'Luqa 24:36-49 u fi Ġwanni 20:19-23. Tajjeb ukoll li wieħed jaqra Atti 1:6-8 u Atti 2:36-38 fejn f'dawn il-versi minn Atti għandu jsib ir-riżultat ta' dak li jkun qara fil-Vanġeli. L-erba' Vanġeli qegħdin jirrakkontaw l-istess ġrajja, għalhekk biex wieħed ikun jaf eżatt x'qal il-Mulej dan għandu jaqrahom *l-erbgħa* flimkien. Imma mhux talli ma sarx hekk mill-Insara evanġeliċi, imma huma naqqsu wkoll minn dak il-vers li l-Mulej qal f'Mark 16:16, jiġifieri, huma naqqsu l-kliem "*u jitgħammed*"! Jekk dan mhuwiex żball kbir Skritturali u vjolenza lil l-Iskrittura Mqaddsa allura ma nafx x'inhu żball Skritturali. Il-kwotazzjonijiet huma mill-Bibbja Kattolika u r-raġuni hija biex

nuri wkoll kemm huwa żbaljat it-tagħlim Kattoliku dwar dak li jintqal fi Ġwanni 20:19-23 u mhux biex nuri xi tagħlim ieħor żbaljat kif sar mill-Insara evanġeliċi! Aħna, bħala *l-knisja ta' Kristu* (Mattew 16:16; Rumani 16:16) nemmnu biss dak li jgħid il-Mulej tagħna Sidna Ġesù Kristu permezz tal-kittieba ispirati Tiegħu u xejn aktar. Mela ħalli nibdew b'dak li jintqal fil-Vanġelu ta' Mattew:

- **Mattew 28: 16-20:**
  "Il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija u marru fuq il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù. Kif rawh, inxteħut quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw. Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "*Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien*. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar raż-żmien."
- **Mark 16:14-18:**
  "Fl-aħħar wera ruħu lill-ħdax stess waqt li kienu fuq il-mejda, u ċanfarhom talli kienu nieqsa mill-fidi u hekk rashom iebsa li ma emmnux lil dawk li kienu rawh wara li qam mill-mewt. U qalilhom: "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*. U dawn huma s-sinjali li jsieħbu lil dawk li jemmnu: f'ismi jkeċċu d-demonji, jitkellmu b'ilsna ġodda, jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu."
- **Luqa 24:36-49:**
  "Kif kienu għadhom jitkellmu, Ġesù nnifsu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Huma twerwru bil-biża', għax ħasbu li qegħdin jaraw xi fantażma. Iżda hu qalilhom: "Għaliex tħawwadtu? Għaliex dan it-tħassib kollu f'qalbkom? Araw idejja u riġlejja. Jiena hu! Missuni, u ifhmuha li l-ispirtu ma għandux laħam u għadam bħalma qegħdin taraw li għandi jien." Huwa u jgħidilhom dan, uriehom idejh u riġlejh. Iżda billi huma, fil-ferħ tagħhom, kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba, qalilhom: "Għandkom xi ħaġa ta' l-ikel hawn?" Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija, u hu ħadha u kielha quddiemhom,

  Imbagħad qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-

Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.'" Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura. U qalilhom: "*Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema* ***għall****-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem.* Intom xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu."

- **Ġwanni 20:19-23:**
  "Dak il-jum fil-għaxija, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom." *Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma.*"

- **Atti 1:6-8:**
  "Kif kienu miġbura flimkien, staqsewh: "Mulej, hu dan iż-żmien li fih int se terġa' twaqqaf is-saltna ta' Israel?" hu weġibhom: "Mhix biċċa tagħkom li tkunu tafu l-waqt u ż-żmien li l-Missier għażel bis-setgħa tiegħu. *Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xiehda tiegħi f'Ġerusalem, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art.*"

- **Atti 2:36-38:**
  "Mela ħa jkun jaf bi żgur il-poplu kollu ta' Israel li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija." Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: "L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?" U Pietru weġibhom: "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall****-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

- **Atti 13:38-39:**
  "Mela, ħuti, kunu afu dan: li permezz ta' Ġesù qiegħda *tixxandar il-maħfra tad-dnubiet*; permezz tiegħu, kull min jemmen ikun iġġustifikat minn dak kollu li minnu ma stajtux tkunu iġġustifikati bis-saħħa tal-liġi ta' Mosè."

**L-erba' Vanġeli flimkien jgħidu hekk:**

"Morru, mela, xandru l-Bxara t-Tajba u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha billi x-xandru l-indiema ***għall***-maħfra tad-dnubiet, ibdew minn Ġerusalem." (Mattew 28:19a; Luqa 24:47).

"*Min jemmen u jitgħammed* fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu ***dnubietu jkunu maħfura*** u jsalva. (Mark 16:16a; Matt. 28:19b; Ġwanni 20:23a).

"Min ma jemminx, ***dnubietu jkunu miżmuma*** u jkun ikkundannat." (Mark 16:16b; Ġwanni 20:23b).

F'**Atti 2:38** insibu t-tweġiba ta' l-appostlu Pietru li tiġbor fiha dak li jgħidu l-erba' Vanġeli kollha flimkien: L-erba' Vanġeli qegħdin jirrakkontaw l-**istess ġrajja** u mhux ġrajjiet separati. Għalhekk wieħed għandu jaqra l-erba' Vanġeli flimkien biex ikun jaf eżatt x'ordna l-Mulej lil l-appostli biex jippriedkaw lill-ġnus kollha!

Għalhekk isir l-iżball mill-Knisja Kattolika Rumana fejn hija tapplika Ġwanni 20:23 għall-qrar fil-widna, għand il-qassis Kattoliku, u fejn id-denominazzjoni li ssejjaħ lilha nfisha Knisja Evanġelika Trinità, u xi oħrajn, b'mod żbaljat għalkollox, igħallmu li l-magħmudija **mhix** *għall-maħfra tad-dnubiet*, li persuna ssalva **bil-fidi biss**! Ma tistax tapplika l-Kelma ta' Alla b'dak il-mod! Meta xi ħadd jagħmel hekk, dan ikun qiegħed ineħħi parti mill-Kelma ta' Alla barra mill-kuntest tagħha u b'hekk ikun qiegħed igħallem tagħlim falz! Prova ta' dan hija dak li jsir dwar il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-fidi **u** l-magħmudija flimkien u mhux kif jintqal li l-maħfra tad-dnubiet tinkiseb permezz tal-fidi weħidha!

L-apposltu Pawlu qal hekk fl-Ewwel Korintin 10:14,

> "*Lil nies għaqlin qiegħed inkellem: għarblu intom kull ma ngħid.*"

U jiena se nissellef il-kliem ispirat ta' Pawlu u nużah hawn ukoll: "*Lil nies għaqlin qiegħed inkellem: għarblu intom kull ma ngħid*" dwar dan is-suġġett hekk importanti għas-salvazzjoni tagħkom:

Wara li n-nies semgħu l-priedka ta' Pietru, [Mattew 28:19a – "Morru, mela, *agħmlu dixxipli*"], huma staqsew:

> "L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna? [*twemmin* - **Mark 16:16** – "*Min jemmen*"] Pietru weġibhom: "Indmu [*indiema* - **Luqa 24:47** – "*l-indiema*" tixxandar], u jitgħammed kull wieħed minnkom [*magħmudija* – **Mattew 28:19** – "u *għammduhom*"; **Mark 16:16** – "Min… *u jitgħammed*"] fl-isem ta' Ġesù Kristu [**Mattew 28:19** – "*fl-isem* tal-…"] għall-maħfra ta' dnubietkom [**Luqa 24:47** – "*għall-maħfra* tad-dnubiet";

**Ġwanni 20:23** – "dawk li *taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura…*"]…"

**F'Atti 2:40, 41** naqraw,

*"U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom billi qalilhom: "Salvaw lilkom infuskom minn dan in-nisel ħażin."*

**Eżempju**: In-numru tat-telefon tiegħi huwa 21898270. Jekk inti ċċempel dan in-numru min iwieġbek? George Ebejer. Imma jekk inti ċċempel in-numru 21889270, min se jwieġbek? Ċertament li mhux George Ebejer, imma xi ħadd ieħor! Tista' ddum iċċempel 21889270 għal snin sħaħ, bl-iskop li jwieġeb George Ebejer, għaliex int żgur li m'intix se tisma' l-vuċi ta' Ġeorge Ebejer. Jekk int ma ċċempilx 21898270 QATT mhu se jwieġbek George Ebejer!

In-numr ta' Ġesù huwa **1 2 3 4**

- **Ġesù qal bl-aktar kliem ċar u sempliċi li:**

"Min jemmen u jitgħammed isalva…"
1 2 3 4

- **It-Teologi Kattoliċi jgħidu li:**

"Min jitgħammed isalva u jemmen…"
1 3 4 2

għaliex huma jgħallmu, *b'mod żbaljat għalkollox*, li tarbija għandha tkun mgħammda u b'hekk tkun salva, u **wara** li tikber temmen!

- **L-Insara evanġeliċi (u denominazzjonijiet oħra) jgħidu li:**

"Min jemmen isalva u jitgħammed…"
1 2 4 3

għaliex huma jgħallmu, *b'mod żbaljat għalkollox*, li persuna tkun salva **qabel** ma titgħammed, jiġifieri, bil-fidi biss, kif rajna aktar qabel.

Mela issa wieġeb b'sempliċiment **IVA** jew **LE** u tkun taf fejn int qiegħed:

1. Taqbel int li, **skond Ġesù**: "*Min jemmen u jitgħammed isalva, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16:16)? – **IVA** – **LE**
2. Taqbel int li "Min jitgħammed isalva u jemmen, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat"? – **IVA - LE**
3. Taqbel int li "Min jemmen isalva u jitgħammed, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat"? – **IVA - LE**

Tweġiba tajba skond il-Mulej tagħna hemm **WAĦDA BISS**!

*"Lil nies għaqlin qiegħed inkellem: għarblu intom li qegħdin taqraw dan li jiena qiegħed ngħid"* Jiena nirrispetta l-intelliġenza tiegħek li int qiegħed taqra. Issa ddeċiedi int liema huwa tagħlim Skritturali u liema huwa tagħlim falz! Dak li jgħallmu l-Insara evanġeliċi u l-Knisja Katto-lika (u xi oħrajn) jew dak li tgħallem *il-knisja ta' Kristu* mill-Iskrittura Mqaddsa?

**<u>Sempliċi ħafna</u>:**

- **Ċempel: 1234 u jwieġeb Ġesù u jsalvak.**
- Ċempel: **1342** u min se jwieġbek? It-teoloġi Kattoliċi. Ibqa' ċempel 1342 ħajtek kollha u QATT mhu se jwieġbek il-Mulej biex isalvak!
- Ċempel: **1243** u min se jwieġbek? Il-mexxejja li jsejħu lilhom infushom Insara evanġeliċi u xi denominazzjonijiet oħra bħalhom. Ibqa' ċempel 1243 ħajtek kollha u QATT mhu se jwieġbek il-Mulej biex isalvak!

Imma Ġesù qal: *"Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi"* (Ġwanni 14:6). Għalhekk tajjeb li wieħed jieħu l-parir ta' l-appostli Pietru u Ġwanni, jiġifieri:

> "***Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin***" (Atti 5:29).

Jiddependi minnek biss liema numru se ċċempel. Id-differenza hija jew "ħajja ta' dejjem" jew "kundanna ta' dejjem." Hemm tliet numri minn fejn tagħżel: Dak **tal-Mulej**: 1234. Dawk **tal-bnedmin**: 1342 u 1243. Sem-pliċi daqshekk! Lest int li tieħu dan ir-riskju hekk kbir? Tippreferi int li jwieġbuk il-bnedmin milli jwieġbek il-Mulej!

**Tinsiex il-kliem tal-Mulej:**

> *"Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej' u mbagħad* ***ma tagħmlux*** *dak li ngħid jien?"* (Luqa 6:46)

Lest int li **tagħmel** dak li jgħid il-Mulej? Jiena ċert li jkun hemm min jipprova jiddefendi t-tagħlim żbaljat tiegħu, imma b'daqshekk xejn mhu se jinbidel! Lil min kiteb dak il-kliem, jiġifieri, "Qabel tela' s-sema ħalla f'idejn id-dixxipli tiegħu (l-appostli u l-aħwa l-oħra kollha) il-missjoni li jxandru l-evanġelju. Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux" jiena ngħidlu (jew ngħidilhom) biex jitlob maħfra lill-Mulej talli *naqqaslu* minn Kliemu u jibda' minn issa 'l quddiem igħallem dak li tassew il-Mulej ordna biex persuna ssalva, jiġifieri, *"MIN JEMMEN* ***<u>U</u> <u>JITGĦAMMED</u>,*** *ISALVA; IŻDA MIN MA JEMMINX IKUN IKKUNDANNAT"* (Mark 16:16). Dan hu *kliem il-Mulej* u mhux kliemi, tinsiex! Lill-Mulej għandek twieġeb u mhux lili! Imma *"Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu"* huwa *kliem il-bnedmin*, kliem tal-

mexxejja ta' l-Insara evanġeliċi u mhux kliem il-Mulej. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux. Ma' dan hemm ukoll li wieħed għandu jindem minn dnubietu, jistqarr lil Ġesù bħala l-Messija, eċċ. Dwar dan sejrin naraw fil-parti li jmiss. Ġesù qal: "*Għax Alla ordna…Iżda intom tgħidu…*" (Mattew 15:4, 5). Dan li wieħed għandu jara llum, xi jgħid Alla fil-Kelma tiegħu u xi jgħidu l-bnedmin! **Alla jordna**: "*MIN JEMMEN* ***U*** ***JITGĦ-AMMED,*** *ISALVA; IŻDA MIN MA JEMMINX IKUN IKKUNDAN-NAT*" (Mark 16:16). Il-bnedmin (intom) igħidu: "*Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu.*" Aħna, bħala l-knisja ta' Kristu nistednuk biex taċċetta dak biss li jordna Alla fil-Kelma Tiegħu u xejn aktar u xejn inqas!

Issa ħalli naraw dwar is-suġġett tal-"fidi." Spiss dawk li jgħallmu li persuna ssalva bil-fidi biss jikkwotaw numru mhux ħażin ta' Skritturi li jitkellmu dwar il-fidi biex b'hekk huma jippruvaw jiġġustifikaw il-pożizzjoni tagħhom, jiġifieri, li persuna ssalva bil-fidi biss, bħallikieku l-Iskritturi l-oħra kollha li jitkellmu dwar suġġetti oħra, bħal, indiema, stqarrija, magħ-mudija, u oħrajn, ma jeżistux u m'għandhom xejn x'jaqsmu mas-salvazzjoni tagħna! Imma dak huwa żball kbir u ħafna qegħdin jinqabdu f'dak il-qerq.

## HIJA L-"FIDI" TAL-BIBBJA "FIDI BISS?"

Diffikultà waħda li xi wħud għandhom f'li jifhmu l-ħafna stqarrijiet u inferenzi tal-Bibbja dwar il-maħfra tad-dnubiet u s-salvazzjoni, hija li passaġġi jidhru li jgħidu ħwejjeġ differenti. Għalhekk tajjeb wieħed jara sewwa dwar dan qabel ma jaċċetta xi tagħlim ġdid. Ikkunsidra l-versi li ġejjin, kollha għandhom x'jaqsmu mas-salvazzjoni:

**Atti 16:31,**

> "*U huma qalu: Emmen fil-Mulej Ġesù Kristu, u tkun salvat, int u darek.*"

**Mark 16:16,**

> "*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

**Luqa 24:47,**

> "*U li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost il-Ġerusalem.*"

**Rumani 10:9-10,**

> "*Għax jekk int tistqarr b'fommok 'il sidna Ġesù, u temmen f'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, int issalva. Għax bil-qalb il-bniedem jemmen fil-ħaqq; u bil-fomm wieħed jistqarr għas-salvazzjoni.*"

**1 Pietru 3:21,**

> "*U l-maghmudija li hi xbieha ta' dan, issalvana issa wkoll (mhux bit-tneħħija tal-ħmieġ tal-ġisem, imma bi tweġiba ta' kuxjenza tajba 'l Alla,) bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet.*"

Eżami bil-għaqal ta' dawn il-passaġġi rappreżentattivi (oħrajn jistgħu jkunu murija) għandu jindika lit-twemmin, stqarrija bil-fomm, indiema, u magħmudija huma kollha assoċjati b'xi mod ma' li wieħed jikseb is-salvazzjoni jew il-maħfra tad-dnubiet. Huma dawn kontradittorji? Huwa kittieb wieħed tat-Testment il-Ġdid aktar "safi" fil-preżentazzjoni tiegħu ta' l-evanġelju minn ieħor? Huma xi wħud minnhom żbaljati? Għandna aħna, kif jidher li jagħmlu xi wħud kif diġa' rajna aktar qabel, ngħażlu dawk li aħna rridu li naċċettaw u dawk li rridu ninjoraw?

Huwa iebes biex taċċetta l-propożizzjoni li l-Bibbja fiha kontradizzjonjiet. Konklużjoni bħal din iġġib fix-xejn il-Bibbja bħala l-Kelma ta' Alla. Kif mela dawn il-versi possibbilment ikunu f'armonija

Aħna għandna nifhmu mod komuni tad-diskors li aħna nużaw regolarment u li huwa wżat fil-Bibbja, imma mhux spiss huwa kkunsidrat fil-kuntest ta' l-interpretazzjoni tal-Bibbja. Il-mod tad-diskors huwa ***sineddoke***. *Sineddoke* hija għodda grammatika komuni ħafna wżata minn kulħadd. *Sindeddoke* hija xorta ta' metafora li ssemmi parti biex tinftiehem il-ħaġa sħiħa jew il-kuntrarju. Din tfisser il-parti tirrappreżenta s-sħiħ, jew xi kultant, is-sħiħ jirrappreżenta l-parti. Meta aħna ngħidu lil xi ħadd "Tkun imbierka qalbek," aħna ma nkunux qegħdin infissru bierek biss il-muskolu li jippompja d-demm tiegħek, aħna nfissru, bierek "lilek kollu." Il-qalb tirrappreżenta lill-persuna kollha li fuqha aħna nimmiraw biex nagħtu barka. Hija sineddoke. Il-parti tirrappreżenta s-sħiħ.

Xi eżempji oħra ta' sineddoke ta' kuljum huma:

1. "Alla jbierek l-idejn li ppreparaw l-ikel" = Alla jbierek lill-persuna kollha.
2. "Hu tajjeb li nara wiċċek" = Hu tajjeb li narak kollok kemm int.
3. "Hu tajjeb li nisma' leħnek" = Hu tajjeb nisimek kollok kemm int.

Wieħed jista' juri eżempji oħra bħal dawn, imma jiena ċert li l-punt huwa ċar biżżejjed. F'kull eżempju, il-parti hija wżata biex tirrappreżenta s-sħiħ.

Xi eżempji Bibliċi huma:

1. Ġenesi 1:5 – "…U l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum" (u dak kollu bejniet)
2. Ġwanni 20:13 – "…Ħadu 'l Sidi, u ma nafx fejn qegħduh" (Il-ġisem tiegħu biss)

3. Luqa 7:6 – "…ma jistħoqqlix illi tidħol taħt is-saqaf tiegħi" (fid-dar kollha tiegħi)
4. Mattew 18:22 – Aħfer "sa sebgħin darba seba' darbiet" (Numru bla limitu ta' drabi).
5. Mattew 24:31 – "mill-erbat irjieħ" (kull direzzjoni).
6. Mattew 6:11 – "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum" (In-neċessitajiet kollha).
7. Kolossin 1:5-6 – "L-evanġelju…wasal…fid-dinja kollha" (dan mar 'il bogħod, ħafna 'l bogħod).

Jiena nista' nimmultiplika l-eżempji. Dawn jinsabu matul it-Testment il-Ġdid kollu. Dawn għandhom ikunu biżżejjed biex juru li l-kittieba tat-Testment il-Ġdid użaw is-*sineddoke* fuq bażi regolari, u kienu jistennew lill-qarrejja tagħhom biex jifhmu x'kien imfisser—li l-parti tirrappreżenta s-sħiħ.

L-istess huwa tassew fl-Iskrittura rigward *kif wieħed isir Kristjan*, jew isalva. Il-kittieba tat-Testment il-Ġdid ma kinux meħtieġa li jiktbu kull tweġiba jew reazzjoni għal l-Evanġelju kull darba li huma ddiskutewh sabiex il-qarrejja tagħhom ikunu jafu li aktar kien meħtieġ. Kien ikun żejjed u bla bżonn li kontinwament igħidu, isma, emmen, indem, stqarr, kun mgħammed, għix ħajja fidila kull darba li huma ddiskutew is-salvazzjoni. Fil-fatt kien jagħmel il-kitba tagħhom iebsa ħafna u saħansitra kienet taħdem kontra l-punt li huma kienu qegħdin jippruvaw jagħmlu f'xi ittra partikulari billi ma jħallux lill-qarrej jagħmel progress.

Għalhekk l-appostli għażlu, biex sempliċiment jużaw ċerti partijiet tat-tweġiba totali tagħna għal l-Evanġelju bħala *sineddoke*. Il-kondizzjoni msemmija kienet użata bħala parti li tirrappreżenta t-tweġiba kollha għal l-Evanġelju li kienet meħtieġa biex issalva. Dan hu għaliex ma hemmx passaġġ wieħed biss fit-Testment il-Ġdid kollu li jgħid it-tweġibiet jew reazzjonijiet kollha flimkien. Nistaqsi jien: Dawk li jemmnu li persuna hija salva "*bil-fidi biss*," u qabel ma tkun mgħammda, jemmnu li dik il-persuna m'għandix għalfejn "tindem"? Jemmnu li dik il-persuna m'għandiex għal-fejn tistqarr lil Kristu? Jekk hija salva "*bil-fidi biss*" allura ma teħtieġ xejn aktar! Imma dak mhuwiex it-tagħlim tal-Kelma ta' Alla iżda t-tagħlim tal-bnedmin! Ix-xewqa tiegħi hija li xi darba dawk in-nies li qegħdin igħallmu dak it-tagħlim żbaljat jieqfu milli jkomplu jgħallmuh u jibdew, bl-umiltà kollha, igħallmu l-verità *sħiħa* tal-Kelma ta' Alla dwar is-salvazzjoni u mhux parti minnha!

Hawn huma xi ftit eżempji li jiena ċert li kull persuna sinċiera li tassew trid li tkun taf x'għandha tagħmel biex issalva hija familjari magħhom:

1. "*Indmu* u kull wieħed minnkom *jitgħammed*" (Atti 2:38) = Partijiet li jirrappreżentaw tweġiba sħiħa għal l-Evanġelju li jinkludi wkoll fidi, stqarrija, u li tibqa' fidil.

2. "*Emmen*" (Atti 16:31) – Twemmin jirrappreżenta tweġiba sħiħa għal l-Evanġelju.
3. "*Stqarr*" (Rumani 10:9-10) – Tistqarr tirrappreżenta tweġiba sħiħa għal l-Evanġelju.
4. "*Indiema*" (2 Pietru 3:9) – Tirrappreżenta tweġiba sħiħa għal l-Evanġelju.
5. "*Magħmudija*" (1 Pietru 3:21) – Magħmudija tirrappreżenta tweġiba sħiħa għal l-Evanġelju.

Ukoll hawn, jiena nista' nimmultiplika l-eżempji imma dawn għandhom ikunu biżżejjed għal dik il-persuna li sinċerament trid li tkun taf il-verità dwar is-salvazzjoni tagħha.

Mela fl-Ewwel Ġwanni 5:1 meta "temmen" hija wżata biex tindika kif wieħed huwa mwieled minn Alla, aħna għandna narawha bħala l-parti tirrappreżenta s-sħiħ. Hija *sineddoke*. Jiena ċert li Ġwanni ma fissirx li jeskludi l-indiema jew il-magħmudija mill-ekwazzjoni. Hu sempliċiment ma semmihomx f'din l-ittra biex jagħmel il-punt li hu kien qiegħed jipprova jagħmel. Għalhekk hu għażel it-twemmin bħala *sineddoke* biex jirrappreżenta t-tweġiba sħiħa għal l-Evanġelju. Il-qarrejja tiegħu ċertament li mmedjatament għarfu li dan kien hekk, u mentalment qraw fih il-ħtiġijiet għal l-indiema, stqarrija, u magħmudija. Imma llum dawk li jgħallmu li persuna ssalva "bil-fidi biss" dan ma jarawħx. Forsi għaliex ma jridux li jarawh u jkollhom jumiljaw lilhom infushom u jammettu li kienu fl-iżball. Kemm hi sabiħa l-umiltà imma kemm huwa diffiċli li nkunu umli!

Ċertament li dawk stess li jgħallmu salvazzjoni "bil-fidi biss" ma jargumentawx li *l-indiema* mhix meħtieġa biex issalva billi mhix imsemmija fl-Ewwel Ġwanni 5:1. Iħobbu jikkwotawh dan il-vers ukoll imma jargumentaw huma li *l-indiema* mhix meħtieġa biex issalva billi mhix imsemmija fih? Jiena ma nargumentax lit-twemmin u l-indiema mhumiex meħtieġa għaliex l-appostlu Pietru jgħid li l-magħmudija ssalvana fl-Ewwel Pietru 3:21. Minflok, jiena ngħid liż-żewġ kittieba qegħdin jużaw is-*sineddoke*.

"Emmen" (twemmin) hija wżata aktar f'*sineddoke* minn kull kelma oħra għaliex il-fidi hija nvoluta fit-tweġibiet kollha tagħna għal l-Evanġelju għas-salvazzjoni. Imma dan ma jfissirx li tweġibiet oħra għal l-Evanġelju b'xi mod huma mħollija barra. Għal kuntrarju, jiena nemmen li l-kittieba ispirati nkludewhom fil-ħsibijiet tagħhom kemm jekk huma nkludewhom fil-pinen tagħhom jew le.

Il-Lhud irreferew għall-profeti fl-istess mod, jużaw l-ewwel, Isaija, biex jieqaf għalihom kollha għaliex huma kienu fl-istess grupp. Dan hu għaliex bosta kwotazzjonijiet huma attribwiti lil Isaija fl-Iskrittura li kienu miktuba minn profeta magħruf inferjuri. Mosè wkoll kien użat biex jirrappreżenta l-Liġi. Dan huwa mod differenti ta' *sineddoke*, imma l-appostlu Pawlu jagħ-

mel użu minnu fit-Tieni Korintin 3:15 fejn huwa jgħid meta jinqara "Mosè" fejn, naturalment, huwa jfisser "il-liġi" hija moqrija.

Il-prattika ma kinetx ikkritikata jew iddubitata mil-Lhud, imma xi wħud fiż-żmien tagħna, li suppost jafu dawn il-ħwejjeġ, u li għandhom ir-responsabbiltà ta' l-erwieħ fuq spallejhom għat-tagħlim li jagħtuhom, ma jafux x'inhu għaddej u qegħdin igħallmu tagħlim diżastruż, jiġifieri, li persuna ssalva "bil-fidi biss." Ilkol nafu xi jgħid il-Mulej tagħnadwar dan: "Ħalluhom: dawk għomja mexxejja tal-għomja; jekk agħma jmexxi lil agħma ieħor, it-tnejn jaqgħu ġol-ħofra" (Mattew 15:14). Mhux preċiżament dan hu li qiegħed jiġri llum dwar it-tagħlim ta' salvazzjoni "bil-fidi biss"? Kif rajna aktar qabel, il-kliem tal-Mulej f'Mark 16:16 qiegħed jiġi maqlub, miżjud, u mnaqqas minn mexxejja reliġjużi għomja u ħafna segwaċi għomja tagħhom qegħdin jinqabdu f'dak it-tagħlim falz! Ġesù jgħid: "Ħalluhom..." Għaliex huma mhumiex lesti li jumiljaw lilhom infushom u jwarrbu dak it-tagħlim żbaljat tagħhom u jibdew igħallmu l-verità sħiħa kif insibuha mgħallma fil-Bibbja Mqaddsa, u mhux parti minnha biss. U dan japplika dwar suġġetti oħra bħad-Divinità ta' Sidna Ġesù Kristu, jiġifieri, li Kristu hu Alla, dwar il-Personalità ta' l-Ispirtu s-Santu, u dwar it-Tliet Persuni li flimkien huma 'l Alla tal-Bibbja Mqaddsa! (Mattew 28:19).

Is-*sineddoke* hija biċċa għodda grammatika komuni wżata fil-Bibbja. Ladarba hija tkun magħrufa din għandha tgħin lil dik il-persuna sinċiera li trid tassew tkun taf x'tgħid il-Kelma t'Alla dwar x'għandha tagħmel biex issalva. B'hekk hija ma tħalli lil ħadd li jingannaha b'tagħlim bħal salvazzjoni "bil-fidi biss." B'hekk dak li jidher li huwa ikkumplikat fl-Iskrittura jsir sempliċi u faċli biex wieħed jifhmu.

## IL-KUSTJONI TA' "RIĠENRAZZJONNI BIL-MAGĦMUDIJA"

Spiss, aħna, bħala l-knisja ta' Kristu niġu akkużati b'mod żbaljat għalkollox li aħna ngħallmu jew nemmnu "*f'riġenerazzjoni bil-magħmudija*." Imma l-qerq ta' din l-akkuża huwa li dawk li jagħmluha ma jgħidux il-verità dwar dak li aħna, *il-knisja ta' Kristu* tassew nemmnu dwar dan is-suġġett. U li tħalli 'l min iqarraq bik huwa tant serju li l-Bibbja Mqaddsa tgħidilna li jkollok il-korla t'Alla fuqek jekk tagħmel dan (Efesin 5:6) aħseb u ara kemm huwa aktar gravi li tipprova *tqarraq* b'nies sinċiera u li jkunu għad-hom ma jafux sewwa dak li tassew tgħid il-Kelma t'Alla dwar is-suġġett!

### Deskrizzjoni

Eżattament x'inhi "riġenerazzjoni bil-magħmudija"? Hija din id-dottrina Skritturali? Sabiex iwieġeb mistoqsija bħal din, wieħed l-ewwel għandu jiddefinixxi preċiżament xi jfisser hu b'dik id-deskrizzjoni u mhux jipprova

jqarraq bi kliem li jagħti lil dak li jkun x'jifhem li hemm xi ħaġa li aħna, bħala *l-knisja ta' Kristu*, nemmnu u ngħallmu li mhix Skritturali.

Eżattament x'inhi "riġenerazzjoni bil-magħmudija"? Il-frażi tissuġġerixxi ħwejjeġ differenti għal nies differenti. Għal xi wħud, l-espressjoni sempliċiment hija xi ftit tifsila rettorika li xxewwex biex jintimidaw lil dawk li jaffermaw li l-magħmudija hija parti tal-proċess tar-riġenerazzjoni. Għal oħrajn, huwa t-twemmin li l-magħmudija hija "sagrament" li għandha xi xorta ta' qawwa misterjuża, interna biex tneħħi l-kontaminazzjoni tad-dnub—indipendenti minn fidi personali u sottomissjoni bil-volonta għall-pjan ta' fidwa ta' Alla.

Id-dottrina ta' l-essenzjalità tal-magħmudija għandha l-appoġġ sħiħ tal-Bibbja; l-ideoloġija "sagramentali" m'għandix, u lanqas li l-magħmudija **mhijiex** prerekwiżit għas-salvazzjoni m'għandha! Ħalli nirriflettu fuq il-konċett dwar l-ideoloġija "sagramentali."

## Il-magħmudija bħala sagrament mistiku

"Magħmudija," kif amministrata mill-Knisja Kattolika Rumana, tirrifletti forma ta' "riġenerazzjoni bil-magħmudija" li hija għalkollox f'nuqqas ta' qbil mat-tagħlim tat-Testment il-Ġdid. Il-magħmudija tat-trabi m'għandha lanqas l-inqas nitfa ta' appoġġ fil-Kelma ta' Alla. Imma dan ma jfissirx li l-magħmudija ordnata mill-Mulej għandha titwarrab fil-ġenb, kif qiegħed isir minn xi denominazzjonijiet, u tiġi mnaqqsa l-importanza tagħha bħala li hija importanti għas-salvazzjoni? Jekk hemm żball minn naħa tal-Knisja Kattolika, m'għandux isir żball ieħor, kif fil-fatt qegħdin jagħmlu l-Insara evanġeliċi u oħrajn, li jgħidu li l-magħmudija mhix meħtieġa għas-salvazzjoni, jiġifieri, li persuna ssalva "bil-fidi biss." *It-tnejn jinsabu fi żball kbir u fatali*! Kristu qal bl-aktar kliem ċar *min* għandu jitgħammed: "Min JEMMEN <u>**U**</u> JITGĦAMMED isalva…" (Mark 16:16). Mela wieħed għandu l-ewwel *jemmen* u mbagħad *jitgħammed* biex isalva. Ma tistax tifridhom minn ma' xulxin. Il-fidi u l-magħmudija il-Mulej *rabathom flimkien għas-salvazzjoni* tagħna u trid tkun tassew prużuntuż biex tifridhomlu, kif sfortunatament fil-fatt xi wħud qegħdin jagħmlu ħalli jgħallmu t-tagħlim falz tagħhom ta' salvazzjoni "bil-fidi biss."

## Il-magħmudija tat-Testment il-Ġdid

L-ewwel, ma hemm xejn fit-tagħlim ta' l-Iskrittura li jista' wkoll b'mod rimot jissuġġerixxi li fl-ilma hemm xi essenza maġika tal-magħmudija li tista' teffettwa l-maħfra tad-dnubiet. Pjuttost, il-magħmudija, jiġifieri, immersjoni fl-ilma, hija rit li hu akkumpanjat b'kemm bil-fidi (Mark 16:16) u kemm bl-indiema (Atti 2:38). Nieqsa minn dawk il-prerekwiżiti, il-magħmudija m'għandha ebda validità ta' xejn.

It-tieni, il-magħmudija hija *att ta' ubbidjenza* (li wkoll dawk li jippruvaw igħallmu b'mod żbaljat għalkollox li l-magħmudija mhix prerekwiżit għas-

salvazzjoni jemmnu mija fil-mija li hija "att ta' ubbidjenza") fejn permezz tagħha wieħed jesprimi l-kunfidenza tiegħu (jew tagħha) fil-qawwa tal-mewt, difna, u qawmien ta' Kristu biex tipproduċi l-maħfra. L-appostlu Pawlu jagħmilha ċara biżżejjed li meta wieħed ikun midfun ma' Kristu bil-magħmudija, dan huwa fil-mewt tal-Mulej, jiġifieri, il-benefiċċji tal-mewt tiegħu, li l-midneb jiġi. U, l-istess kif l-Iben ta' Alla kien imqajjem mill-mewt għall-glorja tal-Missier, hekk ukoll wieħed ikun imqajjem mid-difna tal-magħmudija, huwa jgħaddi fi stat ikkaratterizzat bħala "ħajja ġdida" (Rumani 6:4). Il-qawwa li ssalva hija fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù u mhux fl-ilma. Emmiena penitenti ikollhom aċċess għal dik il-qawwa meta huma *bl-umiltà* jissottomettu għall-ħtiġijiet tal-Mulej biex jirreplikaw id-difna u l-qawmien tas-Salvatur fl-azzjoni tal-magħmudija (Kolossin 2:12-13). Hija l-magħmudija *prerekwiżit* għas-salvazzjoni jew le?

It-tielet, għalkemm aħna nammettu bla tlaqliq li ma hemm ebda qawwa "sagramentali" fl'ilma tal-magħmudija, dan ma jagħtinix il-libertà li niċħdu l-konnessjoni sagra bejn ir-rit tal-magħmudija u l-maħfra tad-dnubiet. Li nagħmlu hekk, ikun li ninjoraw bosta passaġġi l-aktar ċari.

1. Qabel is-salvazzjoni hemm kemm il-fidi u l-magħmudija, skond il-lingwa preċiża ta' Mark 16:16. Il-Grieg letteralment jissuġġerixxi: "Dak li kien emmen, u li kien mgħaddas, għandu jsalva." F'passaġġ parallel, il-magħmudija hija meqjusa bħala l-għola att li bih wieħed huwa magħruf bħala dixxiplu (Mattew 28:18-19).
2. Ġesù informa lil Nikodemu li wieħed ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla ħlief permezz tal-proċess tat-twelid mill-ġdid (Ġwanni 3:5), li jinvolvi "ilma," jiġifieri, magħmudija. Mhux ħafna jiċħdu lit-twelid mill-ġdid u "riġenerazzjoni" huma ekwivalenti. Għalhekk, hemm kon-nessjoni solida bejn ir-riġenerazzjoni u t-twelid li jinvolvi l-ilma. Għal ħimstax-il seklu kien aċċettat li "l-ilma" ta' dan il-passaġġ huwa alluż-joni għall-magħmudija. John Calvin introduċa il-veduta ġdida li "l-ilma" għandu jkun *spiritwalizzat*, u warajh imbagħad marru numru ta' għalliema tad-dottrina ta' salvazzjoni "bil-fidi biss." Din id-dottrina żbaljata għadha tiġi mgħallma sal-lum, kif qegħdin naraw minn dak li qrajna dwaru fil-bidu. L-istoriku Philip Schaff osserva li l-veduta ta' Calvin kienet reazzjoni eċċessiva għad-dogma tal-Kattoliċiżmu, u li huwa impossibbli li tissepara "l-ilma" f'dan il-vers mir-rit tal-magħ-mudija (Lange, 127). Imma x'ġara wara? Illum qegħdin nisimgħu b'tagħlim li l-magħmudija mhijiex prerekwiżit għas-salvazzjoni. Il-Kattoliċi għamlu u għadhom qegħdin jgħallmu l-iżball fejn l-ilma fil-magħmudija huwa li jsalva u minħabba f'hekk, dawk li llum qegħdin igħallmu salvazzjoni "bil-fidi biss" qegħdin jagħmlu żball ieħor min-ħabba dak it-tagħlim żbaljat tal-Kattoliċi, jiġifieri, huma warrbu l-ilma

minn Ġwanni 3:5 bħala ilma letterali u *spiritwalizzawh*. Dan hu abbuż kbir li l-effett tiegħu huwa telfien ta' ħafna erwieħ. (Mattew 15:14.)

3. Meta staqsew "*X'għandna nagħmlu*?" n-nies sinċiera li kienu konvinti mill-ħtija tad-dnub tagħhom, Pietru weġibhom li huma għandhom jindmu ***u*** jitgħammdu "*għall-maħfra ta' dnubietkom*" (Atti 2:38). Ebda oġġezzjoni settarja ma tista' tevadi l-qawwa ta' dan il-kmand trasparenti u d-disinn assoċjat miegħu. Jiena ċert li l-Insara evanġeliċi u dawk li jemmnu bħalhom mill-ewwel se jgħidu li "**għall**-maħfra tad-dnubiet" tfisser "**għaliex** ksibtu l-maħfra tad-dnubiet." Imma kif diġa' rajna aktar qabel, kif xi ħadd jiżbalja f'punt wieħed mill-Iskrittura dan jibqa' għaddej bl-iżbalji tiegħu f'partijiet oħra. Hekk ukoll jiġri f'dan il-kliem. Fil-Grieg il-kelma "għall" hija *eis* li din l-istess kelma nsibuha wkoll f'Mattew 26:28 fejn naqraw: "Għax dan hu demmi tat-testment il-ġdid, li hu mxerred għal ħafna **għall-maħfra tad-dnubiet.**" L-istess kliem eżatt hemm, jiġifieri, "*għall-maħfra tad-dnubiet*" kemm f'Atti 2:38 u kemm f'Mattew 26:28. Se nerġa' nuża kliem l-appostlu Pawlu hawn: "*Nitkellem magħkom bħala nies ta' l-għaqal: agħmlu ħaqq intom minn dak li ngħid*" (1 Korintin 10:15). Taħseb int li f'Mattew 26:28 Ġesù qal li Hu xerred demmu **għaliex huma kienu <u>diġa' kisbu</u> l-maħfra tad-dnubiet**? X'kien ikun l-iskop li Ġesù jxerred demmu jekk id-dnubiet *kienu diġa' maħfura*? Hekk ukoll f'Atti 2:38, wieħed jitgħammed **biex jikseb il-maħfra tad-dnubiet** u mhux għaliex hu **diġa' kiseb** il-maħfra tad-dnubiet. Imma l-Iskrritura tispjegalna aktar dwar dan.

Suppost li jiena ngħid, "Int **ċittadin** ta' dan il-pajjiż, għaliex int **kont** imwieled fih." Liema ġie l-ewwel, twelid jew ċittadinanza? Issa innota temp tal-verbi f'Galatin 3:26, 27:

**"INTOM ilkoll ulied Alla bil-fidi"**
**"għax" ("for" – Grieg GAR = għaliex)**
**"intom ilkoll LI INTOM mgħammda fi Kristu lbistu 'l Kristu"**

Fl-Ingliż aktar hija ċara fejn igħid hekk:

**"ye ARE all the children of God by faith"**
**"for" (Greek GAR – because)**
**"as many of you as HAVE BEEN baptized into Christ have put on Christ"**

Skond it temp tal-verb, liema ġie l-ewwel: magħmudija jew tkun iben ta' Alla? Dawk li jgħallmu salvazzjoni bil-"fidi biss" igħidu li wieħed l-ewwel ikun iben ta' Alla, imbagħad hu jkun mgħammed. Dan ifisser l-istess li wieħed l-ewwel ikun ċittadin tal-pajjiż u mbagħad jitwieled! Assurdità! Imma l-Iskrittura tgħid ċar li wieħed huwa **l-ewwel** mgħa-

mmed "fi Kristu," imbagħad huwa jkun imsejjaħ iben ta' Alla. Ġwanni 1:12, 13 igħid ċar li:

> "*Lil dawk kollha li laqgħuh, tahom is-setgħa **li jsiru** wlied Alla; lil dawk li jemmnu f'ismu: Li twieldu, mhux mid-demm u lanqas mir-rieda tal-ġisem, u lanqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla*" (enfasi tiegħi).

"*Li jsiru*" u mhux *għamilhom*, ukoll għalkemm huma kienu emmnu. Flok il-kliem "li jsiru," poġġi "u għamilhom" u t-tagħlim ta' salvazzjoni "bil-fidi biss," kif qegħdin igħallmu l-Insara evanġeliċi u oħrajn, isir Skritturali! Imma l-Bibbja tgħidilna **kif** insiru wlied Alla f'Galatin 3:26-27, kif għadna kif rajna aktar qabel. Dan hu dak li tgħid il-Kelma ta' Alla imma għal xi wħud li jistqarru li huma Kristjani dan ma jiswa xejn għaliex jippreferu dak li jgħid John Calvin u oħrajn milli dak li jgħid Sidna Ġesù Kristu!

Hekk ukoll, Rumani 6:4 juri ċar li wieħed għandu "*ħajja ġdida*" (twelid ġdid, imwieled mill-ġdid, isir iben jew bint ta' Alla) ***wara*** li hu jkun imqajjem mill-magħmudija, mhux *qabel* (Kolossin 2:12, 13; Ġwanni 3:5). U dan kollu jiġri "bil-fidi." Li ssir iben jew bint Alla "bil-fidi" jinkludi l-magħmudija; dan ma **jeskludihiex.**

4. Pawlu min Tarsu, li kien qiegħed jitlob għal erbat ijiem – u kien għadu mitluf, kien ordnat biex: "*Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi ssejjaħ isem il-Mulej*" (Atti 22:16). Dan ma kienx "riġenerazzjoni bil-magħmudija" f'sens mistiku; pjuttost, dan kien biss sottomissjoni għal ordinanza ispirata.
5. Huwa permezz tal-magħmudija li wieħed jidħol "fi Kristu" (Rumani 6:4; Galatin 3:27), fejn is-salvazzjoni hija allokata (2 Timotju 2:10).
6. Pawlu jiddeskrivi l-magħmudija bħala "ħasil bl-ilma," jew "ħasil tat-twelid ġdid, [riġenerazzjoni]" f'konnessjoni li biha l-midneb huwa "mnaddaf" jew "salvat" (Efesin 5:26; titu 3:5). A.T. Robertson, skular Battista, jikkonkludi liż-żewġ passaġġi jalludu għall-magħmudija ta' l-ilma (607). U hekk, waqt li d-dogma Kattolika Rumana ta' "rigenerazzjoni bil-magħmudija" hija falza, hemm għaqda leġġitma bejn il-magħmudija u r-riġenerazzjoni.
7. L-appostlu Pietru b'mod ċar jafferma li l-magħmudija hija nvoluta fis-salvazzjoni tagħna. L-istess kif Noè u l-familja tiegħu kienu meħuda minn ambjent ta' korruzzjoni għal ġo qasam ta' ħelsien, hekk ukoll, bl-istess mod, fil-magħmudija aħna nkunu meħuda minn dinja ta' ħażen f'relazzjoni mifdija mal-Mulej (1 Pietru 3:21).

Wieħed m'għandux jemmen fil-konċett Kattoliku ta' "rigenerazzjoni bil-magħmudija" sabiex jagħraf li hemm relazzjoni bejn immersjoni fl-ilma u l-maħfra, fil-passaġġi msemmija fuq. L-iżball ta' dawk li jgħallmu salvazzjoni "bil-fidi biss" huwa li minħabba t-tagħllim żbaljat tal-Kattoliċi Rumani, huma aċċettaw tagħlim ieħor żbaljat ta' John Calvin, salvazzjoni "bil-fidi biss." **It-tnejn** mhumiex Skritturali! It-tnejn iwasslu għall-kundanna ta' dejjem!

**Il-prinċipju nvolut**

Forsi jkun ta' għajnuna għal dik il-persuna li hija sinċiera u trid li tkun taf tassew il-verità dwar dan is-suġġett jekk aħna nillustraw, b'każi oħra fl-Iskrittura Mqaddsa, il-prinċipju li huwa nvolut f'din ir-relazzjoni.

**TWEMMIN – UBBIDJENZA – SALVAZZJONI**
**(Mhux: Twemmin – Salvazzjoni – Ubbidjenza)**

It-Testment il-Qadim Spiċċa (Kolossin 2:14-15). Dan qiegħed għat-tagħlim tagħna (Rumani 15:4; 1 Korintin 10:11). Nitgħallmu fit-Testment il-Qadim (u fil-Ġdid) li Alla jbierek **biss** lil dawk li **JOBDUH**. Isma' x'tgħid il-Kelma ta' Alla:

> "*U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li* ***jobduh***" (Lhud 5:9).
>
> "*Dak li jemmen bl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem; u dak li ma* ***jobdix*** *l-Iben ma jarax il-ħajja; iżda għadab Alla jgħammar fuqu*" (Ġwanii 3:36).

Li "**jobudh**" u mhux li għandhom "fidi biss"!

Issa ħalli naraw xi eżempji dwar l-<u>ubbidjenza</u> u d-<u>diżubbidjenza</u>.

## 1. Is-Serp tal-Bronż – Numri 21:4-9 (Aqra).

Alla ħeles lill-Iżrael mill-jasar u ħarishom… Dawn spiss dinbu – (Ara 1 Korintin 10:1-12).

*Il-kastig tas-sriep*: Il-poplu dineb u Alla kkastigah billi bagħat sriep velenużi fost il-poplu li gidmu lill-poplu; u ħafna mietu min-nies ta' Iżrael. Mosè talab lil Alla għall-poplu u Alla qal lil Mosè biex jagħmel serp tal-bronż velenuż u jwaqqfu fuq qasba. Imma Alla ma waqafx hawn. Alla ordna li kull min iħares lejh, jibqa' ħaj. X'ġara? Dawk kollha li OBDEW dak il-kmand baqgħu ħajjin. Issa ara jekk dan jaqbilx mat-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss.*"

Il-*Qawwa ta' Alla* mhux *il-bronż* salvathom – Ubbidjenza. Imma *l-bronż* kien meħtieġ ukoll!

a. **INDIEMA** – Min **IĦARES** – ifieq.

b. **Fidi U ubbidjenza** – Ifejqu.
c. **Obdi u Tfieq**, jew **Tobdix u Tmut**:
d. (1) **Twemmin** – (2) **Ubbidjenza** – (3) **Fejqan**.

It-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss*" għandu jkun:

(1) **Twemmin** – (2) **Fejqan** – (3) **Ubbidjenza**. Taqbel int ma' dan?

Meta fiequ n-nies? Meta ***emmnu*** lil Mosè jew meta ***obdew*** lil Mosè. Huwa dan "riġenerazzjoni bis-sriep tal-bronż"? Ara Efesin 5:6.

## 2. Il-Kaptan – 2 Slaten 5:1-14 (Aqra).

Nagħman kien kaptan fl-armata Sirjana. Kien raġel nobbli u kapaċi iżda kien imġiddem. Kien hemm qaddejja tal-mara ta' Nagħman. Din qaltu dwar il-profeta f'Iżrael li seta' jfejqu. Eliżew, il-profeta, bagħatlu messaġġier biex jgħidlu *x'għandu jagħmel*. Nagħman kellu "jmur u *jinħasel* SEBA' darbiet fil-Ġurdan" (v. 10.) Nagħman irrabja…għax ħaseb li *kellu jfieq kif ried hu*! **Isaija 55:8-9** – Il-*ħsibijiet* ta' Alla huma dejjem għola minn tal-bniedem. Nagħman kellu marda *tal-moħħ* kif ukoll *tal-ġisem*. Nagħman iżda għeleb il-preġudizzu tiegħu u ***umilja*** lilu nnifsu (ħaġa li ftit huma lesti li jagħmlu llum) billi mar fix-xmara Ġordan.

> "*U għodos **seba' darbiet** fil-Ġurdan, **SKOND KELMET** ir-raġel ta' Alla, u ġismu raġa' sar bħal ta' tifel żgħir, u ssaffa.*"

Il-*Qawwa ta' Alla* mhux *l-ilma* naddfitu – Ubbidjenza. Imma *l-ilma* kien meħtieġ ukoll! Kienet din "rigenerazzjoni bl-ilma"?

(1) **Twemmin** – (2) **Ubbidjenza** – (3) **Tindif**. Taqbel int ma' dan?

Issa ara jekk dan jaqbilx mat-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss.*"

a. **INDIEMA – MAR FIX-XMARA ĠURDAN** – ifieq.
b. **Fidi U ubbidjenza** – Ifejqu.
c. **Obdi u Tfieq, jew Tobdix u Ma Tfieqx**:
d. (1) **Twemmin** – (2) **Ubbidjenza** – (3) **Fejqan**.

It-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss*" għandu jkun:

(1) **Twemmin** – (2) **Fejqan** – (3) **Ubbidjenza**. Taqbel int ma' dan?

Skond l-għalliema foloz moderni, Nagħman kellu jkun imfejjaq ***qabel*** ma xxarrab! Meta emmen u ddeċieda li jmur fix-Xmara Ġurdan. Imma mhux talli ma kienx imfejjaq ***qabel*** ma *xxarrab*, lanqas ma kien imfejjaq meta kien *diġa' xxarrab* għal darba, darbtejn, tliet darbiet, erba' darbiet, ħames darbiet, jew sitt darbiet. Hu kien imfejjaq *mas-**seba'*** darba! Huwa dan il-fejqan, "rigenerazzjoni bl-ilma"? Ara Efesin 5:6.

### 3. Ir-Raġel Agħma – Ġwanni 9:1-12 (Aqra dawn il-versi mill-Bibbja tiegħek).

Mhux biss dan kien agħma, imma kien hekk sa mit-twelid. Wara li Ġesù ddikjara li Hu d-dawl tad-dinja, "beżaq fl-art" u "għamel tajn." Ġesù dilek għajnejn ir-raġel bit-tajn. Ġesù qallu "MUR INĦASEL fil-menqgħa. Ifisser dan li Ġesù ma kellux is-setgħa li jfejqu dak il-ħin stess? Le! Ir-raġel OBDA u mar. (Ġwanni 9:6-7). Ir-raġel kellu Fidi Kbira biex **jagħmel** dak li qallu Ġesù. *Fidi f'Alla **qatt** ma tqis kmand ta' Alla bħala li hu ta' bla bżonn*! Meta fieq ir-raġel? – **<u>Wara</u> li Obda** u mhux qabel, jiġifieri, bil-fidi biss f'dak li Ġesù ordnalu biex jagħmel. Il-Ħasil ma spjegax **KIF** dan irċieva d-dawl imma **META**! Ġesù uża t-tajn u l-ilma bħala strument biex *jittestja* l-fidi tar-raġel. Ir-raġel kien ***umli*** u **obda** għalkollox dak li ordnalu Ġesù u għamel kif qallu Ġesù u mhux kif hu forsi ħaseb li kien l-aħjar mod kif sfortunatament qegħdin igħallmu b'mod diżastruż għalkollox dak li llum qegħdin igħallmu salvazzjoni "bil-fidi biss"!

Kien hemm xi valur mediċinali fl-ilma ta' Silwah? Żgur li le. U kieku r-raġel agħma rrifjuta l-kmand tas-Salvatur? Xi ngħidu li kieku r-raġel agħma r-raġuna kif jirraġunaw l-Insara evanġeliċi u xi oħrajn illum: "Jekk jiena mmur u ninħasel, dak jissuġġerixxi li jiena qiegħed nafda fl-ilma. Jiena ma nemminx "f'riġenerazzjoni bl-ilma." "Jiena ma rridx li 'nimmerita' d-dawl tiegħi. Għalhekk jiena sempliċiment se nafda fil-qawwa ta' Ġesù li tfejjaq, u ma mmurx f'Silwah." X'taħseb int, li temmen fejqan (jew salvazzjoni) "bil-fidi biss," kien ikun ir-riżultat? Dawl jew dlam?

Il-*Qawwa ta' Alla* mhux *l-ilma* tagħtu d-dawl – Ubbidjenza. Imma *l-ilma kien meħtieġ* ukoll biex jinħasel u juri l-ubbidjenza tiegħu!

(1) **<u>Twemmin</u>** – (2) **<u>Ubbidjenza</u>** – (3) **<u>Fejqan</u>**. Taqbel int ma' dan?

Issa ara jekk dan jaqbilx mat-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss*."

a. **Fidi U ubbidjenza** – Ifejqu.
b. **Obdi u Tfieq, jew Tobdix u Ma Tfieqx**:
c. (1) **Twemmin** – (2) **Ubbidjenza** – (3) **Fejqan**.

It-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss*" għandu jkun:

(1) **Twemmin** – (2) **Fejqan** – (3) **Ubbidjenza**. Taqbel int ma' dan?

Skond l-għalliema foloz moderni, ir-raġel agħma kellu jkun imfejjaq ***qabel*** ma ħasel wiċċu! Meta emmen lil Ġesù u ddeċieda li jmur f'Silwah. Imma kien u mogħti d-dawl f'dak il-waqt? Kien hu mfejjaq ***qabel*** ma xxarrab? Hu kien imfejjaq ***wara*** li nħasel! Huwa dan il-fejqan, "rigenerazzjoni bl-ilma"? Wieġeb int bis-sinċerità kollha jekk inti tinsab maqbud fit-tagħlim ta' salvazzjoni "bil-fidi biss"! Ara Efesin 5:6.

## 4. Il-Magħmudija – Mark 16:16.

Ir-rakkonti tas-Serp tal-Bronż, tal-Kaptan Nagħman u tar-Raġel Agħma juru Prinċipju li jinsab fl'Evanġelju ta' Kristu. Dawn in-nies kien jeħtieġilhom li **JOBDU _QABEL_** ma jkunu mbierka. L-Evanġelju ta' Kristu għandu jiġi **OBDUT** biex tingħata l-maħfra tad-dnubiet. (Mark 16:16; Atti 2:36-38). Meta wieħed JEMMEN il-fatti u JOBDI l-kmandi ta' l-Evanġelju, imbagħad dan ikun imbierek bis-salvazzjoni. Aħna għandna:

- NEMMNU f'Ġesù bħala 'l Kristu – Ġwanni 8:24.
- NINDMU mid-dnubiet tal-passat (Luqa 13:3).
- NISTQARRU l-Isem Tiegħu (Atti 2:36-38).
- U nkunu MGĦAMMDA fl-ilma _għall-maħfra tad-dnubiet_ (Atti 2:38).

Ebda bniedem m'għandu l-awtorità li jbiddel din l-ordni mogħtija u mfassla mill-Mulej! Huwa ***l-ilma*** li fih jiena nitgħammed li jaħfirli dnubieti u jsalvani? LE! Kien "is-serp tal-bronż" li fejjaqhom? LE! Kien ***l-ilma*** tax-Xmara Ġurdan li fejjaq lil Nagħman? LE! Kien ***l-ilma*** ta' Silwah li fejjaq lir-raġel agħma? LE! Mela x'inhu li jfejjaq? L-UBBIDJENZA UMILI TAGĦNA GĦALL-KMANDI TAL-MULEJ! Aħna salvati bil-grazzja ta' Alla. Imma jekk ma nobdux nintilfu! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża* ***tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh***" (Lhud 5:9).

Emmen u tobdix u tkun ikkundannat. Emmen u obdi u tkun salvat! L-Insara evanġeliċi u denominazzjonjiet oħra jgħallmu li persuna hija salva "*bil-fidi biss*" fejn *l-evanġelju tagħhom* jgħid hekk biex persuna ssalva: "Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux." (Ara *Fuqhom Żernaq id-Dawl*, **5 Il-Maħfra tad-Dnbiet**, taħt, "**Dawk li taħfrulhom dnubiethom**).

Imma l-Evanġelju ta' Kristu jgħid: "Min **jemmen <u>u</u> jitgħammed**, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat." (Mark 16:16).

M'għandi ebda kliem xi ngħid dwar dak it-tagħlim falz li saħansitra minħabba fih waslu biex ġabu l-Kelma ta' Kristu fix-xejn billi naqqsulu minn kliemu ħlief li nuża l-kliem ispirat ta' l-appostlu Pietru għaliex jiena ċert illi kieku Pietru kien hawn illum kien igħid l-istess kliem lil dawk li qalu dak il-kliem diżastruż:

"*Indem mela minn dal-ħażen tiegħek, u itlob 'l Alla, biex forsi l-ħsieb ta' qalbek jinħafirlek*" (Atti 8:22).

Forsi xi ħadd jaħseb li jiena qiegħed inkun xi ftit iebes fi kliemi u nieqes mir-rispett. Imma kif tista' ma tkunx iebes lejn dawk li ma jaħsbuha xejn biex inqassu mill-kliem tal-Mulej u jġibu l-Kelma Tiegħu fix-xejn dwar

suġġett hekk importanti għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ? Nistaqsi jien, kien iebes l-appostlu Pawlu, li b'ispirazzjni mill-Ispirtu s-Santu qal:

> "*...hemm xi wħud li qegħdin iħabbtukom,* ***u jridu jaqilbu*** *l-evanġelju ta' Kristu. Iżda kemm jekk aħna, jew anġlu mis-sema, ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li xandarnielkom aħna,* ***ħa jkun misħut****.*"

U jekk xi ħadd għadu ma fehemx sewwa, ħa nkompli nikkwota:

> "*Bħal ma għidna qabel, hekk narġa' ntenni issa: Jekk xi bniedem ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li ħaddtu,* ***ħa jkun misħut****.*" (Galatin 1:7-9)

Huwa kliem iebes dan jew le? Iva. Imma jintqal għall-ġid tagħna. Hekk ukoll jiena qiegħed ngħid dan il-kliem bl-istess skop, għall-ġid ta' dawk li jaslu biex jagħmlu dawn il-ħwejjeġ. M'għandi l-ebda skop ieħor. Inkun jiena qiegħed NAQLEB l-Evanġelju ta' Kristu li kieku flok ma ngħid dak li Kristu qal, u kif qalu Hu, innaqqaslu minnu? IVA jew LE.

l-Evanġelju ta' Kristu jgħid: "Min **jemmen u jitgħammed**, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat." (Mark 16:16).

L-evanġelju tal-bnedmin, ta' l-Insara evanġelici, jgħid: "Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux." Fejn hi **l-magħmudija** li semma Kristu?

It-tnejn ma jaqblux, allura l-Kelma ta' Alla, u mhux jien, tgħid li hemm *saħta* fuq kull min jaqleb l-Evanġelju ta' Kristu! Jiena nippretendi li dawk li waslu biex għamlu dan it-tibdil fil-kliem tal-Mulej jindunaw bl-iżball kbir tagħhom u bit-tagħlim diżastruż li huma qegħdin igħallmu lil nies sinċiera li tassew iridu jsibu l-verità dwar is-salvazzjoni tagħhom, u jibdew igħallmu biss dak li ordna l-Mulej:

> "*Min* ***jemmen u jitgħammed****, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*" (Mark 16:16; enfasi tiegħi).

Issa, li inti qrajt u taf sewwa x'inhu d-dmir tiegħek, għandek għażla x'tagħmel, jew taċċetta t-tagħlim ta' l-Insara evanġeliċi li ma jistax ikun ikkwotat mill-Iskrittura Mqaddsa jew taċċetta t-tagħlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa li tgħallem il-knisja ta' Kristu. Tinsiex it-twissija tal-Kelma ta' Alla:

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

Forsi l-lista li ġejja tgħin biex inpoġġu l-affarijiet fil-punt fejn jiltaqgħu l-istess interessi b'riferenza għall-konnessjoni bejn il-magħmudija u s-salvazzjoni, u l-ordni ta' kif ġraw, fil-pjan Skritturali.

| | **l-Ordni Biblika** |
|---|---|
| Magħmudija | Salvazzjoni (Mark 16:16) |
| Imwieled mill-Ilma | Idħol fis-Saltna (Ġwanni 3:5) |
| Magħmudija | Maħfra tad-Dnubiet (Atti 2:38) |
| Magħmudija | Ħasil (Atti 22:16) |
| Magħmudija | Mewt ta' Kristu (Ruman 6:3) |
| Maħsulin | Iġġustifikati (1 Korintin 6:11) |
| Magħmudija | Ġisem ta' Kristu (1 Korintin 12:13) |
| Magħmudija | Mlibbsa Bi Kristu (Galatin 3:27) |
| Ħasil ta' l-Ilma | Imnaddfin (Efesin 5:26) |
| Magħmudija | Xogħol ta' Alla (Kolossin 2:12) |
| Ħasil tar-riġenerazzjoni | Salvati (Titu 3:5) |
| Magħmudija | Salvati (1 Pietru 3:21) |

**Konklużjoni**

Ukoll meta wieħed ikun għamel preċiżament kif il-Mulej ikkmanda, hu ma jkun immerita xejn; hu ma jkun qala' xejn. Il-fatt li aħna salvati bil-grazzja ta' Alla ma jinnegax ir-responsabbiltà umana f'li taċċetta r-rigal tas-Smewwiet, u r-rifjut ta' persuna li tagħmel dak li huwa kkmandat b'mod l-aktar ċar mill-Iben ta' Alla, jew li tassenjah għal status subordinat (inferjuri jew inqas), mhuwiex iġġustifikat.

Dawk li jitkellmu f'oppożizzjoni għall-magħmudija tat-Testment il-Ġdid, jikkontradixxu l-kitba sagra, ikollhom ġudizzju iebes ħafna biex iħabbtu wiċċhom miegħu. (Mattew 7:21-27.)

## HUWA LI TEMMEN F'ĠESÙ L-ISTESS BĦAL LI TOBDIH?

Minħabba diversi dottrini tad-demonji, ħafna jaħsbu li huma jistgħu *jemmnu* f'Ġesù mingħajr ma *jobduh*. Dan, iżda, mhuwiex il-messaġġ tal-Bibbja, imma huwa għarfien perikoluż ħafna u nassa spiritwali. Innota l-passaġġ li ġej:

> "*Dak li* ***jemmen fl-Iben*** *għandu l-ħajja ta' dejjem; u dak* ***li ma jobdix l-Iben*** *ma jarax il-ħajja; iżda għadab Alla jgħammar fuqu*" (Ġwanni 3:36).

Il-Grieg għal "ma jobdix" huwa *apeitheo* u din tfisser: **ma temminx, diżubbidjenti, ma tobdix, bla twemmin.** Din weħidha tagħmel il-punt kruċjali jgħajjat u ċar dwar ***diżubbidjenza*** **tkun wirja ta'** ***nuqqas ta' twemmin***.

Ftakar ukoll li hemm biss żewġ tipi ta' nies li xi kultant huwa rriferut għalihom bħala *salvi* u *mhux salvi*, in-*nagħaġ* jew il-*mogħoż*, eċċ. Imma fi Ġwanni 3:36, dawn iż-żewġ tipi ta' nies huma jew imsemmija bħala **dawk li jemmnu fl-Iben** jew **dawk li ma jobdux l-Iben**. Fi kliem ieħor, għal darb' oħra jsir ċar li *nuqqas ta' twemmin* f'Ġesù huwa sinonimu ma' *diżubbid-jenza* Lejh, waqt li temmen f'Ġesù huwa l-istess bħal li tobdih. Dik hija verità vitali li lkoll neħtieġu biex niftakru għaliex din tgħinna nifhmu **t-tif-sira Biblika ta' l-unika xorta ta' *twemmin* (*fidi*) f'Ġesù li jġib is-salvazzjoni.** Imma l-istess verità hija murija wkoll fil-passaġġi li ġejjin:

**Lhud 3:18, 19,**

> "*U lil min ħalef li ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħu, ħlief lil dawk* ***li ma ridux jobdu****? Hekk naraw li ma setgħux jidħlu għax* ***ma emmnux.***"

Erġa' innota kif id-*diżubbidjenza* hija l-istess bħal *ma emmnux*. Għalhekk, aħna naraw mill-ġdid it-tifsira ta' nuqqas ta' twemmin jew fidi u intu-wizzjoni importanti dwar id-diżubbidjenza. Fi kliem ieħor, ***diżubbidjenza*** **tkun wirja ta'** ***nuqqas ta' twemmin***. Jista' mela jintqal li ħafna li f'ħin wieħed huma emmnu tassew f'Ġesù issa huma f'nuqqas ta' twemmin billi huwa magħmul ċar mid-diżubbidjenza tagħhom? It-tweġiba hija waħda qawwija *iva*. Ġesù għallem:

> "*...Huma* ***jemmnu għal xi żmien*** *u waqt it-tiġrib jaqgħu*" (Luqa 8:13).

Ġesù għallem li emmieni tassew jista' jsir wieħed li ma jemminx u konsegwentament imut spiritwalment. Dan huwa speċjalment importanti fi żmien meta tant nies kienu mqarrqa permezz tas-sigurtà fl-evanġelju tad-dnub spiss imsejjaħ *sigurtà eterna* jew *il-perseveranza tal-qaddisin*. Fi kliem ieħor, Kristjan tassew jista' wara jitlef is-salvazzjon tiegħu, kif kien ġara bosta drabi, skond il-Bibbja. Biex tidħol fis-saltna tas-smewwiet ta' Alla wara l-mewt, persuna li qabel kienet *imwielda mill-ġdid* għandha tissapporti l-persekuzzjoni u l-mibgħeda talli tkun Kristjana, iġġib 'il quddiem frott taj-jeb (fost ħwejjeġ oħra) tkompli biex temmen f'Ġesù, li jkun muri *f'ubbid-jenza* sempliċi.

Barra minn dak kollu ta' fuq, ftakar l-Iskritturi relevanti li ġejjin:

**Lhud 5:9,**

> "*U billi kien magħmul perfett, sar [Ġesù] il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem* ***għal dawk kollha li jobduh****.*"

Qiegħed tinnota xi ħaġa hawn f'dan il-vers? Mhux "għal dawk kollha li **jemmnu**" imma "***għal dawk kollha li jobduh.***" Temmen int, wara li qrajt dan il-vers, it-tagħlim falz li aħna salvi "*bil-fidi biss*"?

**Ġwanni 5:29,**

> "*U joħorġu;* ***dawk li <u>għamlu</u> t-tajjeb****, għall-qawmien tal-ħajja; u* ***dawk li <u>għamlu</u> l-ħażen****, għall-qawmien tal-kundanna.*"

Għal darb'oħra, għadek int temmen li persuna ssalva "*bil-fidi biss*"?

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

Website: www.churchofchristmalta.com